MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Numru 753/2002

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
**V**

**MARY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARY MUSCAT** ta’ sebgha w erbghin sena, mart John Muscat, bint Carmel Magri u Julia nee Chetcuti, imwielda Marsa nhar l-ghoxrin ta' Frar 1955 u residenti 'Broomstone', Triq il-Kosbor, Zebbug, Malta, detentrici tal-karta tal-identita numru 194355M, giet mressqa quddiemha akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr licenzja moghtija mill-awtorita kompetenti, ghamlet kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr

licenzja mill-awtorita kompetenti u cioe sellfet flus bl-imghaxx lil diversi persuni.
Talli xjentement kienet parti fl-ghemil jew ipprokurat jew ghenet jew hajjret l-ghemil t'a xi reat tahht is-subartikolu (1) tal-Att XXII tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Marzu, 2001 esbit f'dawn l-atti a fol 11 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Settembru 2002 esibit fl-att a fol 9 markat bhala dokument CSH 1 u l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 23 tal-Att Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji [Att XXII ta' 1994] markat bhala dokument CSH 2 esibit a fol 8 sabiex jigu inizjati l-proceduri odjerni.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hdax ta' Ottubru 2002 a fol 5 tal-atti.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.
Ikkunsidrat:

Semghet lil Avukat Difensur jecepixxi bir-rispett fis-seduta tal-erbgha ta' Ottubru 2004:

Iilli f'dan il-kaz kien qed jigi kkontestat jekk is-self attribwit lil akkuzata jikkostitwix attivita finanzjarja fit-termini tal-artikolu 3(1) tal-Att XXII tas-sena 1994 u ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex din il-kwistjoni tigi konklussivament deciza mill-Awtorita kompetenti skond kif stipulat fl-artikolu 3(1) tal-istess Att.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur tirrileva fis-seduta tal-hdax ta' Ottubru 2004 is-segwenti u cioe:-

Illi l-imputata hija mixlija li ghamlet attivita finanzjarja minghajr permess mill-Awtorita kompetenti u dan ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Att XXII tas-sena 1994.

'Illi bir-rispett kollu, l-artikolu 3(2) tal-istess Att, jirreferi illi f'kaz ta' dubbju dwar xi attivita finanzjara, tali attivita jew le ghandha tigi stabbilita mill-Awtorita kompetenti u jekk tali attivita tirrizulta, jkun sar ksur ta' dan l-Att ai termini tal-artikolu 22(1)(a) et seq tal-istess Att. Di piu tant hemm azzjoni kriminali taht dan l-Att, illi dawn il-proceduri jinbdew <u>biss</u> bil-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 23(2) tal-istess Att. Oltre dan, il-piena ghal ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-istess Att hija dik ta' multa u/jew prigunerija."

Illi l-Prosekuzzjoni ghamlet wkoll referenza ghas-***sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Abela**, liema sentenza giet ***kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Lulju 1999***, fejn, fil-fehma taghha, fl-ebda hin ma dik il-Qorti m'ikkummentat li l-kaz in ezami ma kienx tal-kompetenza taghha.

Illi fis-seduta tat-tlieta ta' Novembru 2004, il-partijiet ittrattaw dawn l-eccezzjonijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni mressqa mid-difiza.

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2004, id-Difiza ppresentat nota fir-Registru ta' din il-Qorti fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Novembru 2004*** fil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Bajjada et** u proprju ghal <u>paragrafu ta' qabel tal-ahhar</u> tal-istess sentenza, fejn inghad testwalment is-segwenti:

*"Jigi precizat fl-ahharnett li fir-rikors t'appell tieghu l-Avukat Generali b'ebda mod ma rrefera ghal, jew b'xi mod iehor, invoka is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Kap 376."*

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tressqet il-Qorti nhar l-ghaxra ta' Settembru 2002 u giet akkuzata fost affarijiet ohra, bl-artikolu 3 tal-Kap 376 u cioe "talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita Kompetenti, ghamlet kummerc ta' Istitutzzjoni Finanzjarja f'malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti u cioe sellfet flus bl-imghax lil diversi persuni."

Illi skond l-artikolu 2 tal-Kap 376 in vigore fiz-zmien meta l-imputata tressqet l-Qorti, d-definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja kienet taqra hekk;

"*Istituzzjoni Finanzjarja* tfisser kull persuna li x-xoghol regolari taghha jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq:

a. Xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-iskeda li tinsab ma dan l-Att;
b. Kull attivita ohra hekk stabbilita mill-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta li jemendi l-iskeda li tinsab ma dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dan il-kummerc."

Mill-ewwel ta' Ottubru 2002 id-definizzjoni giet taqra hekk:

"*Istituzzjoni Finanzjarja* tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali, tikseb holdings jew twettaq xi attivita mnizzla fl-iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita."
L-ewwel attivita li hemm imnizzla fl-iskeda u din l-iskeda ma nbiddlitx minn mindu giet fis-sehh l-ligi fis-sena 1994, hija dik ta' 'self' evidentement self ta' flus.

Issa, skond is-sentenza citata mid-Difiza fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Bajjada et, gie rilevat is-segwenti:

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn l-ewwel w it-tieni definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja, kien hemm biss spostament ta' enfasi, filwaqt li d-definizzjoni ta' qabel l-ewwel ta' Ottubru 2002, l-enfasi kienet fuq l-fatt li l-attivita ta' self ta' flus kienet tkun x-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc regolari ta' dak li jkun [mhux

necessarjament pero ix-xoghol jew kummerc principali], filwaqt li fit-tieni definizzjoni giet spustjata ghal 'frekwenza' … regolarita jew abitwali - li biha dak li jkun issellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc ta' dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma ried li jolqot sia taht l-ewwel kif wkoll taht t-tieni definizzjoni huwa, li minn jislef l-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazzjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried ghal kuntrarju jolqot, li min jaghmel tali self b'dak l-mod u b'dik il-frekwenza, li meta tarah tghid bejnek u bejn ruhek, dan sar qisu bank! Fl-ahhar mill-ahhar ghalhekk, u fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar preciza da parti mill-legislatur, hu rimess ghal boun sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat, jammontax ghal kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja."

Issa pero, f'dan il-kaz, d-Difiza mhux qed tikkontesta jekk s-self kienx wiehed abitwali jew regolari, izda li s-self ma sarx ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita.

Illi din il-Qorti ghalhekk gharblet sew d-definizzjoni moghtija mill-ligi ghat-tifsira ta' "Istituzzjoni Finanzjarja" kif deskritta fl-artikolu 2 tal-Kap 376 llum.

Illi din d-definizzjoni ghandha zewg ipotesi:

1. li persuna tikseb holdings jew twettaq xi attivita mnizzla fl-iskeda b'mod regolari jew abitwali;
2. li dan isir ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita 'for account and at the risk of the person carrying out that activity."

Illi mhux kontestat li l-attivita li taghha hija akkuzata l-imputata hija dik imnizzla fl-iskeda u cioe 'self' - u l-fatt jekk tali self huwiex regolari jew abitwali mhux qed jigi kontestat. Dak li d-Difiza qed tikkontesta permezz tal-verbal taghha fuq citat hu, li s-self maghmul mill-imputata mhux qed isir ghar-riskju ta' persuna lli qed twettaq dik l-attivita. Illi din s-sitwazzjoni qed tippotezizza sitwazzjoni tripod u cioe li l-persuna li qed issellef, qed issellef lil

persuna ohra biex taghmel self hi. Ghalhekk, azzjoni ta' self maghmul minn persuna wahda lil ohra ghal uzu personali taghha, ma jaqax taht d-definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja.

Illi ma hemmx dubbju mill-provi prodotta u mix-xhieda mismugha li Stella Cini, Guiliana Grixti, Vincenza Grixti, Elizabeth Griffiths, Maria Grixti u Louise Zammit kollha ssellfu l-flus ghar-ragunijiet personali taghhom u mhux sabiex isellfu l-istess flus li setghu ssellfu minghand l-imputata, lil terzi.
Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultax li l-imputata ghamlet xi kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr Awtorita kompetenti meta hija sellfet xi flus lil diversi persuni bl-imghax. Dak li setghet ghamlet l-imputata ma jikkostitwix l-ewwel akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputata b'dan pero li thalli impregudikat t-tieni akkuza u **tordna l-prosegwiment tal-kawza ai fini tat-tieni akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni skond l-artikolu 22(2) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------